**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-5 ta’ Marzu 2020 – Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), M. J. Dairies EOOD**

**(Kawża C-766/18 P)** ([1])

***(Appell – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Regolament (KE) Nru 207/2009 – Oppożizzjoni – Artikolu 8 (1)(b) – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Kriterji ta’ evalwazzjoni – Applikabbiltà fil-każ ta’ trade mark kollettiva preċedenti – Interdipendenza bejn ix-xebh tat-trade marks kunfliġġenti u dak tal-prodotti jew tas-servizzi koperti minn dawn it-trade marks)***

(2020/C 161/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, S. Baran, barrister, V. Marsland, solicitor, u K. K. Kleanthous)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: D. Gája, aġent), M. J. Dairies EOOD (rappreżentanti: D. Dimitrova u I. Pakidanska, avukati)

**Dispożittiv**

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-25 ta’ Settembru 2018, Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi vs EUIPO – M. J. Dairies (BBQLOUMI) (T-328/17, mhux ippubblikata, EU:T:2018:594), hija annullata.

2) Il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

([1]) ĠU C 82, 4.3.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-4 ta’ Marzu 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio – l-Italja) – Telecom Italia SpA vs Ministero dello Sviluppo Economico, Ministero dell’Economia e delle Finanze**

**(Kawża C-34/19)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Servizzi ta’ telekomunikazzjonijiet – Implimentazzjoni tal-provvista ta’ netwerk miftuħ ta’ telekomunikazzjonijiet – Direttiva 97/13/KE – Taxxi u tariffi applikabbli għal-liċenzji individwali – Qafas regolatorju tranżitorju li jistabbilixxi tariffa lil hinn minn dawk awtorizzati mid-Direttiva 97/13/KE – Awtorità ta’ res judicata marbuta ma’ sentenza ta’ qorti superjuri kkunsidrata li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni)***

(2020/C 161/13)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio